# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 552/23TA**

**Ludwig Dimech (K.I. 135683M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**
**u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2023 ġew intervenuti fil-kawża Nicholas Spiteri, is-soċjeta' MCZMC Developers Limited, Charles Pace, Ivana Portelli, Matthew Pace, Charles Pace u Josephine Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ludwig Dimech (ir-rikorrent) tas-6 ta' Novembru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi nhar it-tnejn (2) ta' Marzu 2020 għall-ħabta tas-sagħtejn u għoxrin ta' wara nofsinhar (14:20), ġewwa Triq Abela Scolaro, Ħamrun, waqt li ħaddiema tal-esponenti kienu qed jaħdmu f'sit ta' kostruzzjoni hemm lokata, seħħ inċident sfortunat u fatali li wassal għall-mewt ta ċerta Maria Assunta Pace (K.I. 167165M);

2. Illi konsegwentament infetħet inkjesta maġisterjali mmexxija mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit sabiex tinvestiga x'wassal għal dan l-inċident sfortunat;

3. Illi fil-mori ta' tali inkjesta maġisterjali ġie sekwestrat inter-alia is-sit ta' kostruzzjoni adjaċenti għal-fond residenzjali tad-decujus u dan sabiex l-aqwa prova tkun tista tiġi preservata kemm għal finijiet tal-inkjesta maġisterjali kif ukoll għall-eventwali proċeduri kriminali li setgħu jiġi istitwiti;

4. Illi tali sit ta' kostruzzjoni appartnenti lis-soċjeta MCZMC Developers Limited (C-91511) baqa' hekk maqbud tuwl il-perkors tal-kumpilazzjoni versu inter-alia r-rikorrenti, u dan propju sal-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali, fejn dik il-Qorti nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2023 fid-digriet tagħha, hawn anness u mmarkat **Dok A**, irrilaxxjat is-sit mertu ta' dawk il-proċeduri kriminali u dan sabiex l-iżviluppaturi tal-istess sit ikunu jistgħu ikomplu bl-iżvilupp relattiv, anke jekk il-każ kriminali kontra l-esponenti għadu pendenti. Tajjeb jingħad li kif jista jiġi evidenzat mid-dokumentazzjoni hawn annessa l-esponenti ma kienx ġie notifikat bir-rikors tas-soċjeta MCZMC Developers Limited u b'hekk l-esponenti ma ġiex mogħti l-opportunita li joġġezzjona għal tali talba;

5. Illi tali sitwazzjoni ser tkun waħda li ħa tpoġġi lir-rikorrenti f'posizzjoni prekarja in vista tal-fatt li meta jasal il-waqt taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, il-ġurati vestiti bir-responsabilita li jaslu għall-verdett finali tal-kawża kriminali kontra l-esponenti ser ikunu preklużi milli jaċċedu għal fuq is-sit in kwistjoni sabiex ikunu jistgħu jifhmu b'għajnejhom dak li verament seta' ġara u x'effettivament wassal għal mewt ta' Maria Assunta Pace;

6. Illi b'hekk analiżi viżwali tas-sit in kwistjoni waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa eżerċizzju vitali għal-proċeduri kriminali kontra l-esponenti, u b'hekk f'każ li dan ma jkunx jista jseħħ tali sitwazzjoni ser toħloq lok għal inġustizzja evitabbli versu r-rikorrenti;

7. Illi l-unika mezz kif il-ġurati ser ikollhom possibilita li jevalwaw id-dinamika tas-sit huwa merament permezz ta' video recording li ġie miġbud minn naħa ta' espert tal-Qorti, liema espert esprima ex admissis, li mhux qiegħed f'posizzjoni li jiġbed immaġini preċiża tas-sit, liema senjalazzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti, **Dok B**;

8. Illi din is-sitwazzjoni ser tagħti lok għal preġudizzju versu r-rikorrenti kif ukoll sabiex id-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiġu sfaċċatament leżi;

9. Illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Muscat et** datata 24 ta' Ġunju 2011 (Rik Nru: 37/2008/1) intqal is-segwenti u cioe:

*"L-awturi Harris, Boyle u Warbrick isostnu illi:*

*""The right to a fair hearing also requires compliance with the principle of Equality of Arms. The commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases as entailing that everyone who is party to such proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent."*

*"Huwa principju ben assodat illi kull parti fi procediment ghandha jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha, inkluz ilfakkolta` li tikkontrolla u tressaq dawk il-provi kollha in sostenn tat-tezi taghha.*

*""The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights (enfasi mizjuda)."*

*"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza bl-ismijiet Onor. Imhallef Dr. Anton Depasquale v. Avukat Generali ikkonfermat illi;*

*""…f'kawzi ta' natura kontenzjuza l-principju ta' equality of arms ifisser li kull parti trid tinghata opportunita` ragjonevoli sabiex tipprezenta l-kaz taghha – inkluzi lprovi – taht kundizzjonijiet li ma jpogguhiex fi zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-kontro-parti."*

*"Illi dwar l-effikacita` tar-rapprezentanza legali tal-partijiet fil-qafas tal-principju tal-equality of arms, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Pulizija v. Carmel sive Charles Ellul Sullivan et7 qalet:*

*""Issa jekk l-imsemmija akkuzati ghandhom taht l-Art. 39(2) dritt ghal smiegh xieraq fil-kawza riferita filPrim'Awla tal-Qorti Civili, dan jimporta li ghandhom dritt ghall-rapprezentanza legali adegwata u effettiva, u dan anke wkoll sabiex jigi osservat il-principju kostituzzjonali tal-equality of arms li skont il-Fawcett, op.cit.pag. 154 "is an expression of the rule 'audi alteram partem' and implies that each party to the proceedings before a tribunal must be given a full opportunity to present his case, both on facts and in law, and to comment on the case presented by his opponent. This opportunity must be equal between the parties and limited only by the duty of the tribunal to prevent in any form an undue prolongation or delay of the proceedings. The Commission strives to observe the principle of the equality of arms in its own proceedings…". Jekk parti ma jkollhiex rapprezentanza legali adegwata u effettiva, ma jistax jinghad li qeghdha tigi moghtija 'a full opportunity' biex tipprezenta l-kaz taghha u dan bi vjolazzjoni tal-principju kostituzzjonali tal-equality of arms li l-istess Kummissjoni Ewropea ssegwi u tosserva fil-proceduri quddiemha.""*

10. Illi d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali biex tirrilaxja s-sid in kwistjoni b'hekk ser toħloq lok ta' leżjoniji għad-dritt ta' smiegħ xieraq tal-esponenti u dan stante l-fatt li huwa mhux ser ikollu l-fakulta li jħejji l-aħjar difiża għal kawża tiegħu, u dan għal raġunijiet li fiċ-ċirkostanzi kollha in deżamina ċertament li m'humiex raġonevoli. Id-dritt ta' smiegħ xieraq huwa dritt imprezzabbli u ġaladarba tali dritt ikun leż l-integrita tal-ġudizzju kollu jisfaxxa fix-xejn;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara illi għar-raġunijiet hawn fuq imfissra r-rikorrenti sofra leżjoni tad-dritt tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

ii. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti.

iii. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Generali (rispettivament l-intimat Kummissarju, intimat Avukat u intimat Avukat Ġenerali) tal-10 ta' Novembru 2023 li permezz tiegħu wieġbu s-segwenti:

"Ir-rikorrent qiegħed jallega li r-rilaxx ta' sit ta' kostruzzjoni lil soċjetà kummerċjali mill-Qorti Kriminali qabel ma ġie ċelebrat il-ġuri tiegħu wassal jew x'aktarx ser iwassal għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Qabel ma jingħataw l-eċċezzjonijiet, sejjer isir aċċenn għall-fatti pertinenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha l-isfond kollu quddiemha.

**L-Isfond Fattwali**

Ir-rikorrent, u terz bl-isem ta' Nicholas Spiteri, preżentement jinsabu akkużati *inter alia* b'omiċidju involontarju quddiem il-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ludwig Dimech et**. Preżentement, il-kawża tinsab imħollija sabiex jiġu trattati l-eċċezzjonijiet preliminari ta' Nicholas Spiteri, u dan wara li l-eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrent diġà ġew trattati.

Il-każ kollu jirrigwarda inċident notorju li seħħ nhar it-2 ta' Marzu, 2020 fejn ikkollassat binja waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' skavar fil-proprjetà adjaċenti. Meta seħħ l-inċident, skattat inkjesta maġisterjali sabiex jiġu preservati l-provi. Fost affarijiet oħra kienu maħtura diversi esperti sabiex jikkonstataw l-istat tas-sit dakinhar tal-inċident.

Fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, ossia nhar l-10 ta' Jannar, 2023, sar rikors minn MCZMC Developers Limited u l-*parte civile* fejn talbu li jiġu liberati diversi proprjetajiet. Il-proprjetà ta' MCZMC Developers Limited huwa proprju s-sit li kellu jiġi żviluppat u l-mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-esponenti Avukat Ġenerali opponiet għat-talba għar-rilaxx għal diversi raġunijiet.

Permezz ta' digriet datat 20 ta' Jannar, 2023 (ara Dok. 'SA1'), wara li rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u ta' terzi oħra interessati ossia ċerti John Sammut, Grace Sammut, Joseph Sammut, Rita Rapa u Roberta Rapa, il-Qorti Kriminali appuntat ir-rikors għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar, 2023 fil-11:30.

**F'dik is-seduta, u kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors promotur, iż-żewġ akkużati tramite l-konsulenti legali tagħhom ma oġġezzjonawx għal dak mitlub (ara Dok. 'SA2')**.

Minħabba l-oppożizzjoni tal-esponenti Avukat Ġenerali, il-Qorti Kriminali ordnat li jiġu inseriti atti minn proċeduri kriminali oħra, **Il-Pulizija vs. Perit Roderick Camilleri et**, fejn kien ġie redatt rapport mill-Perit Robert Musumeci proprju fuq is-sit in kwistjoni.

Fl-1 ta' Marzu, 2023, il-Qorti Kriminali tat digriet fejn, wara li qieset id-diversi pożizzjonijiet u r-rapport tal-Perit Musumeci, laqgħet it-talba tas-soċjetà MCZMC Developers Limited taħt il-kundizzjoni li l-istat tas-sit jerġa' jiġi preżervat permezz ta' *video* li kellu jittieħed mill-espert nominat, Colin Galea.

Kien hemm kemmxejn ta' dewmien u diffikultà biex dan l-inkarigu jiġi espletat minħabba li kellu jinqata' ħaxix ħażin li kiber apparti li kellu jsir xi xogħol ta' tindif. Madankollu iżda, eventwalment, Colin Galea espleta l-inkarigu tiegħu.

Matul dan kollu, apparti d-dikjarazzjoni inekwivoka tar-rikorrent tas-27 ta' Jannar, 2023, ir-rikorrent qatt ma oppona għar-rilaxx tal-proprjetà in kwistjoni, jew kif kien qiegħed jinqeda l-inkarigu mill-espert Colin Galea. Fl-agħar ipoteżi, ir-rikorrent kien għal darba darbtejn ittenta jitlob għan-nomina ta' esperti tekniċi sabiex jevalwaw is-sit, liema talbiet ġew miċħuda mill-Qorti Kriminali peress li ma huwiex il-kompitu tagħha li jiġu kumpilati provi addizzjonali li setgħu jiġu kkumpilati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

Fis-6 ta' Settembru, 2023, inżamm aċċess fuq is-sit.

Bħala stat ta' fatt, is-sit ilu rilaxxat lis-soċjetà MCZMC Developers Limited sa mill-inqas mill-25 ta' Settembru, 2023 (ara Dok. 'SA3').

## L-Eċċezzjonijiet

1. Preliminarjament, l-esponenti Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija ma humiex il-leġittimi kontradittur ta' din l-azzjoni u għalhekk għandhom jiġu **liberati mill-osservanza tal-ġudizzju**.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, ir-rikorrent talab għal dikjarazzjoni li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-**Artikolu 39** tal-Kostituzzjoni u l-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni ġie leż. Għall-korrettezza, minn qari tal-premessi tar-rikors promotur huwa ċar li r-rikorrent qiegħed jipprospetta li x'aktarx ser ikun hemm ksur, u mhux li diġà seħħ ksur kif indikat fit-talbiet, u dan għaliex ir-rikorrent qiegħed jilmenta li bir-rilaxx tas-sit, hu ma huwiex ser ikun f'pożizzjoni li jressaq l-aħjar difiża possibbli waqt il-ġuri tiegħu billi aċċess tas-sit in kwistjoni għall-benefiċċju tal-ġurati ma hijiex ser tkun fattibbli jekk l-istess sit jiġi żviluppat fil-frattemp.

L-argument tar-rikorrent huwa infondat għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett, huwa paċifiku li, fil-prinċipju, il-jedd għal smigħ xieraq irid jitqies fit-totalità tal-proċeduri u ma jittieħidx inċident iżolat. Fil-każ odjern, il-proċeduri miġjuba kontra r-rikorrent għadhom fi stadju relattivament bikri: għad jonqos li jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari, minn liema sentenza hemm il-possibilità ta' appell, u apparti minn hekk, jiġi ċelebrat il-ġuri nnifsu fejn hawn ukoll, f'każ ta' eżitu negattiv għalih, ir-rikorrent għandu s-setgħa li jappella. Meta wieħed iqis għalhekk kemm għad jonqos x'isir, jew li jista' jsir, l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu ma jistax iħejji l-aħjar difiża tiegħu ċertament hi prematura. Għal din ir-raġuni biss, l-esponenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti **tirrifjuta li teżerċita** s-setgħat tagħha u dan *ai termini* tal-*provisos* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-tieni nett, l-allegazzjoni tar-rikorrent li għandu bżonn li s-sit ma jiġix rilaxxat favur is-soċjetà MCZMC Developers Limited għaliex għandu bżonn li l-istess sit ma jiġix żviluppat hi kompletament infondata. Fir-rikors tagħha biex is-sit jiġi rilaxxat (anness u mmarkat mar-rikors promotur bħala Dok. 'A'), is-soċjetà MCZMC Developers Limited indikat kif fil-kors tal-inkjesta maġisterjali nħatru diversi esperti sabiex jassistu lill-Maġistrat Inkwirenti tippreserva kemm tista' l-istat tas-sit dakinhar tal-inċident. Fost dawn l-esperti, rilevanti għall-materja in diżamina, wieħed isib żewġ *scene of crime officers*, il-Perit Richard Aquilina biex jagħmel pjanta tal-post, il-Perit Graham Attard biex jikkordina t-tfittxija tal-vittma, Emanuel Vella sabiex jikkordina t-tneħħija u trasport ta' materjal mex-xena tar-reat u l-Perit Alex Torpiano li għamel numru ta' aċċessi u rapport finali dwar id-dinamika tal-inċident. Fil-kors tal-inkjesta maġisterjali l-istat tas-sit wara l-inċident ġie rekordjat b'diversi ritratti u dokumenti oħra.

Apparti l-inkjesta maġisterjali, u kif diġà ngħad, ġie redatt rapport ukoll mill-Perit Robert Musumeci fejn notevolment osserva: "*Fil-ferma opinjoni esperta tiegħu li dak li għad hemm fuq il-post mhu ser iservi ta' ebda added value għal min possibilment irid jindaga ulterjorment dwar l-istat tal-ħajt u irdim … ma hemmx il-ħtieġa indispensabbli sabiex is-sit jiġi preservat … m'għad hemm xejn fuq is-sit fil-preżent li jista' jitfa' added value dwar il-prevedibilità u jew il-previsjoni ta' dak li ġara*."

B'żieda ma' dan kollu, ma jistax jiġi skartat il-fatt li Colin Galea issa espleta l-inkarigu tiegħu u ħejja rapport dwar l-istat tas-sit aktar minn tliet snin wara l-inċident, qabel ma ġie rilaxxat favur MCZMC Developers Limited.

Apparti minn hekk, kif sewwa osservat il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2023, is-sit kien disturbat ferm fit-tliet snin preċedenti meta wieħed iqis it-trapass taż-żmien u, ovvjament, l-effetti tal-elementi.

Meta wieħed iqis dan kollu għalhekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju li l-istat tas-sit, partikolarment *a tempo vergine* wara li seħħ l-inċident, ġie preservat b'mod xieraq u ebda parti ma ġiet jew ser tiġi preġudikata bil-fatt li s-sit issa ġie rilaxxat. **B'hekk, ma hemm ebda biża' fondata li r-rikorrent ma huwiex ser ikollu smigħ xieraq minħabba dan ir-rilaxx**.

Fit-tielet nett, huwa inkredibbli kif ir-rikorrent qiegħed jilmenta fuq ir-rilaxx tas-sit favur MCZMC Developers Limited meta **ma opponiex għal tali rilaxx fis-27 ta' Jannar, 2023 u meta, anke wara din id-data, qatt ma wera xi riżerva jew oppożizzjoni għall-istess rilaxx ħlief issa, b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali**. Ir-rikorrent kellu kull opportunità li jopponi u l-fatt li mhux talli ma opponiex iżda talli qabel mar-rilaxx irendi dan kollu każ klassiku ta' *imputet sibi* u ċertament ma tista' tinstab ebda vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq.

3. Meta jitqies kollox iżda partikolarment dan l-aħħar punt, l-esponenti ma jistgħux ma jirrimarkawx li l-ardir tar-rikorrent f'dan il-każ bilkemm jitwemmen. Huwa bil-wisq ovvju li dawn il-proċeduri huma fiergħa, vessatorja, u meta wieħed iqis it-talba kontestwali għal miżura provviżorja fejn ir-rikorrent talab għas-sospensjoni tal-proċeduri kriminali, intenzjonati unikament sabiex ir-rikorrent itawwal il-proċeduri kriminali tiegħu. Dan l-aġir huwa sfaċċatament abbużiv u din l-Onorabbli Qorti għandha, apparti li tiddikjara dawn il-proċeduri bħala sempliċiment fiergħa u vessatorji, għandha wkoll tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors;

Semgħet ix-xhieda;

Rat li fis-seduta tal-24 ta’ Novembru 2023 il-Qorti sejħet bħala intervenuti fil-Kawża *in status et terminis* lis-Soċjeta’ MCZMC ltd, lil Charles Pace u lit-tfal tiegħu Ivana Portelli, Matthew Pace, Charles Pace u Josephine Pace;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati għall-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

**1.** Dak li provoka dawn il-proċeduri huwa rikors tas-Soċjeta’ MCZMC Ltd u l-familja Pace, li hi ukoll parte Civile fil-proċeduri Kriminali, tal-10 ta’ Jannar 2023 (a’ fol 6). Permezz ta’ dan ir-rikors talbu li tiġi liberata l-propjeta’ rispettiva tagħhom fost oħrajn is-sit fejn seħħ l-infortun inkwistjoni, propjeta’ tas-Soċjeta’ MCZMC Ltd.

**2.** B’digriet tal-1 ta’ Marzu 2023 il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba ta’ MCZCM Ltd u l-oħrajn u rrilaxxjat is-sit inkwistjoni. Dan is-sit ġie rilaxxjat meta l-każ kontra ir-rikorrent għadu pendenti. Konsegwentement, dan qiegħed jargumenta li jekk dan is-sit jiġi rilaxxjat huwa ser ikun avversament effettwat peress li fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-istess ġurati ser ikunu imċaħħda li jaraw b’għajnejhom fejn seħħ l-inċident fatali.

**3.** Għalhekk ir-rikorrent għamel ir-rikors odjern bil-lamenti fuq imsemmija.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Din hija proċedura ta' indole kostituzzjonali li titratta l-allegat ksur tad-dritt fundamentali kif imħares mill-artikoli 6 u 39 tal-konvenzjoni u l-Kostituzzjoni rispettivament peress li r-rikorrent isostni li b'dak li ġara huwa ma hux ser jingħata smiegħ xieraq.

**5.** Fir-rigward tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-prinċipju ġenerali hu li "*The key principle governing the application of Article 6 is fairness. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case* (Ara **Gregačević vs- Croatia, 2012, § 49 u kif ukoll Ibrahim et -vs- the United Kingdom [GC], 2016, § 250**).

**Konsiderazzjonijiet**

**Art 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni**

**6.** L-intimati jwieġbu prelimarjament li din il-Qorti għandha tiddeklina milli tisma' dawn il-proċeduri għaliex l-azzjoni ittentata hija intempestiva fis-sens li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju x'jeżawrixxi peress li għad jonqos l-eċċezzjonijiet preliminari fil-ġuri, li minnhom hemm appell u apparti dan, ir-rikorrent għandu dritt ta' appell f'każ li l-ġuri jkollu eżitu negattiv għalih.

**7.** Huwa minnu li r-rikorrent għandu r-rimedju tal-appelli fuq imsemmija, iżda huwa wkoll importanti li jiġi deċiż qabel kull smiegħ tal-ġuri, l-kwistjoni

li għandha quddiemha din il-Qorti. Ma jkunx ħaġa sewwa li r-rikorrent irid joqgħod jistenna l-esitu finali biex jappella minn punt bħal dan fil-proċeduri Kriminali waqt il-ġuri meta dan jista' jiġi epurat issa. Il-Qorti tara sewwa u ġusta li dan il-punt jiġi determinat issa ħalli la ġġib dewmien waqt il-ġuri, u fl-istess ħin jiġi spjanat qabel ma jibda l-ġuri b'mod bikri. Fis-**Sentenza tal-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali tas-26 ta' Settembru, 2013 fl-ismijiet Christopher Cassar -vs- L-Avukat Ġenerali et** il-Qorti kellha dan xi tgħid fuq eċċezzjoni bħal din:

"*Fir-realta' din il-qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha meta tiddeciedi dwar eccezzjoni simili. F'dan il-kaz il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma kellux ghalfejn jistenna ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qabel jipproponi dawn il-proceduri, gialadarba qieghed ifittex rimedju issa*".

**8.** Il-Qorti tfakkar li tispetta dejjem lilha d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

**9.** Hekk ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**: "*… d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni*

*jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

**Il-mertu**

**10.** Mill-ewwel jibda biex jingħad, li l-Qorti Kriminali appuntat ir-rikors ta' MCZMC Ltd għas-27 ta' Jannar 2023. Minkejja li ma ġietx ordnata notifika tiegħu lir-rikorrent, tant li jirrisulta kemm mid-digriet tal-appuntament għas-smiegħ iżda anke mir-referti (a' fol 140 tal-PK) f'dik is-seduta xorta jingħad li dehru l-avukati tar-rikorrent u r-rikorrenti nnifsu għalkemm mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2023 ma jidhirx li dan huwa l-każ meta ġie trattat ir-rikors għar-rilaxx tas-sit inkwistjoni. Jekk ir-rikorrent tassew sar jaf bis-seduta, mhux magħruf kif sar jaf, li r-rikorrent ma ingħatax żmien biex iwieġeb bil-miktub għar-rikors qabel is-smiegħ u dan kif jiddetta l-artikolu tal-kodiċi kriminali hawn taħt imsemmi.

**11.** Issa tajjeb li jingħad li tali notifika hija rikjesta sine qua non mil-liġi tant li art 674(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li ordni għar-rilaxx tal-propjeta l-ordni msemmija"*tista' tingħata jew b'inizjattiva tal-Qorti nnifisha jew wara li jsir rikors minn min ikun qiegħed jitlob li jingħata l-proprjetà. Meta l-Qorti taġixxi b'inizjattiva tagħha nnifisha hija għandha tħabbar il-ħsieb li jkollha li toħroġ ordni bħal dik permezz ta' digriet. Digriet bħal dak jew rikors li jsir minn min ikun qiegħed jitlob li jingħata l-proprjetà, skont ma jgħid dan is-subartikolu, għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali jew lill-Kummissarju tal-Pulizija skont il-każ, u lill-imputat, jew l-akkużat, <u>li kull</u>*

*wieħed minnhom ikollu ħamest ijiem tax-xogħol għar-risposta tiegħu."* (Emfażi tal-Qorti). Issa din il-Qorti temmen li fil-kamp Kriminali ħafna aktar mill-kamp ċivili il-proċedura għandha tkun segwita *ad unguem* li f'dan il-każ ma ġietx.

**12.** B'rikors tat-2 ta' Frar 2023 is-Soċjeta' MCZMC Ltd u l-familja Pace, fil-waqt li għamlu referenza għall-kostatazzjonijiet esperti fl-inkjesta, reġgħu talbu lill-Qorti biex tgħaddi tilqa' it-talba tagħhom għar-rilaxx tas-sit. B'digriet tagħha tat-2 ta' Frar 2023, il-Qorti ordnat li dan jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali b'jumejn żmien għar-risposta. Għal darba oħra notifika lir-rikorrent ma ġietx ordnata bil-mod kif jitlob l-artikolu suċitat (a' fol 161 tal-proċess Kriminali [PK]).

**13.** Issa jidher li kien hemm mument meta r-rikors kien ġie rikjamat għall-21 ta' Frar 2023 meta suppost kien imħolli għat-28 ta' Frar 2008. Di fatti l-Avukat Ġenerali għamel rikors biex tinbidel id-data għaliex fil-21 ta' Frar 2023, l-avukat tal-Avukat Ġenerali kienet ser tkun indisposta (a' fol 175 PK). Kwantu għar-rikjam, l-avukat tal-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu tgħid, li ġiet infurmata bir-rikjam. B'liema mod ġiet infurmata ma tgħidx u l-anqas ma jirrisulta mill-atti li qatt kien hemm ordni għar-rikjam. Dan ikompli jitfa' dell fuq in-notifika o meno tar-rikorrent.

**14.** Pero', b'digriet tal-15 ta' Frar 2023 il-Qorti provvediet hekk "*Tordna notifika lill-kontro parti u tilqa' t-talba, pero' sejra taghti differiment waqt is-seduta konsegwentament l-akkuzat ghandu jkun presenti"* (a' fol 174 PK).

Dan jindika li l-Qorti tassew kienet irrikjamat ir-rikors, għaliex altrimenti ma kienitx tagħti dan d-digriet.  Saret is-seduta tat-28 ta’ Frar 2023 u mill-verbal jirrisulta s-segwenti:

“*Ilum 28 ta' Frar, 2023*

*Meta ssejjah ir-rikors dehru Dr.David Bonello ghall-Parte Civile prezenti fl-awla.*

*Deher Dr. Michael Grech u Dr.Stephen Tonna Lowell ghall-MCZMC Ltd.*

*Dehret Dr Abigail Caruana Vella ghall-Avukat Generali. Il-partijiet trattaw ir-rikors.*

*Jinghata digriet kamerali”* (a’ fol 175).

**15.** Mill-verbal fuq imsemmi jidher ċar li r-rikorrent ma kienx presenti cionostante l-ordni tal-Qorti li r-rikorrent kellu jidher.  Din il-Qorti ma tistax tifhem x’ġara esatt, għaliex fit-28 ta’ Frar 2023 kien hemm udjenza oħra, li għaliha kien presenti ir-rikorrent fejn ġie trattat ir-rikors tiegħu għar-rilaxx tal-inġenji.

**16.** Minn dak li tista’ tara din il-Qorti, qiesu kulħadd kien moħħu x’se jieħu, il-kumpanija is-sit, ir-rikorrent l-inġenji u l-oħrajn ħwejjiġhom.  Jekk ħarġux in-notifiki regolarment u kif trid il-liġi biex ir-rikorrent, l-aktar persuna li għandha interess fil-proċess kriminali, ikun in pjena xjenza b’dak li kien għaddej fi proċeduri li jirrigwardaw lilu, ma hux ċar.

**17.** Il-Qorti tfakkar, li n-notifika ta' kull att fil-kors ta' proċeduri kriminali huwa sine qua għaliex hija il-ġebla tax-xewka tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* u għalhekk ta' smiegħ xieraq. Bin-nuqqas ta' notifika, b'notifika ħażina jew dubbju serju dwar il-validita' ta' notifika il-prinċipju ta' smiegħ xieraq huwa minn għeruqu imnawwar. Din il-Qorti tmur lil hinn minn hekk u tgħid, fejn ikun hemm dubbju dwar jekk skrittura jew att ġiex notifikat kif suppost, il-presunzjoni dejjem għandha tkun li ma saritx notifika skont il-liġi. Di piu' u għal preċiżjoni, tajjeb ukoll li ssir referenza għal dak li wieġbet il-familja Sammut għar-rikors tas-Soċjeta' imsemmija u cioe' li "*l-linja difensjonali addottata mir-rikorrenti M C Z M C Developers Limited fil-kawza civili hija djametrikament opposta ghall-impressjoni qarrieqa li qeghdin jittentaw jaghtu f'dan ir-rikors kif jidher mill-kopja tar-risposta guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. "X".* Dettal li jippreokkupa lil din il-Qorti fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**18.** Ir-rikorsi li bdew isiru minn MCZMC Ltd u l-familja Pace kienu jinteressaw lilhom biss, meta *stricto iure* huma kienu estraneji għall-proċess kollu, anke jekk raġjonevolment kellhom interess fil-propjeta' tagħhom u kellhom dritt jagħmlu rikors simili. Strettament proċess Kriminali jinteressa l-ewwel u qabel kollox lill-akkużat, għaliex it-telf tal-liberta tiegħu hemm fin-nofs. Huwa għalhekk li l-liġi tagħti importanza massima l-aċċertament ta' notifiki ta' atti lill-imputat meta jsiru talbiet ta' din ix-xorta.

**19.** Di fatti, meta l-istess kumpanija u l-familja Pace, presentaw ir-rikors tat-30 ta' Marzu 2023, biex fost oħrajn il-Qorti tordna komunika lil Dr.

Charles Grech, lill-persuna isimha mhux magħruf nominata mill-Qorti sabiex jaqta' l-ħaxix, u kif ukoll lill-espert Colin Galea, sabiex iwettqu dak ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fid-digrieti fuq indikati ossia dak tal-1 ta' Marzu 2023 u tat-13 ta' Marzu 2023, għal darba oħra, b'digriet tat-30 ta' Marzu 2023 ġiet ordnata biss notifika lill-Avukat Ġenerali b' 24 siegħa żmien għar-risposta. Ir-rikorrent, li għandu interess f'kull eżitu tal-proċess, ma jissemmiex u qiesu mhux persuna interessata (Ara fol 195 PK).

**20.** Il-Qorti tkompli tosserva li l-intimati jsostnu li dak li qiegħed jitlob issa, ir-rikorrent seta' oppona għalih meta kien hemm smiegħ. Il-Qorti terġa' tgħid li għandha dubbji serji kemm ir-rikorrent kien tassew presenti meta kien trattat ir-rikors għar-rilaxx tas-sit. Il-Qorti tista' tissoponi x'ġara meta fl-istess ġurnata ġew trattati kemm ir-rikors tal-propjetarji u kif ukoll tar-rikorrent dwar l-inġenji. Kif tista' tifhem din il-Qorti, dawn ġew hekk trattati separatment u x'aktarx f'ħinijiet differenti tant li hemm żewġ verbali separati. Il-Qorti ma tara xejn kontradittorju jekk persuna li hija akkużata u li għalhekk għandha l-interess massimu minn kull persuna oħra, li tirrikonisdra l-posizzjoni tagħha sakemm ma jkunux diġa' bdew jitwettqu atti mit-terz per konsegwenza, f'dan il-każ tar-rilaxx tal-propjeta', jew ikun fi stadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta ngħalqu l-provi minn naħa tal-akkużat.

**21.** Iżda kif innota ben tajjeb l-Avukat Ġenerali għar-rikors ta' rilaxx li "*<u>la jispetta lir-rikorrent u lanqas lill-esponenti li jispeklulaw u/jew liema linji difensjonali ser ikunu qeghdin jadottaw l-akkużati fil-mori tal-guri</u>, Illi*

*madankollu jinghad ukoll illi irrispettivamnent mill-oggezzjoni o meno tal-akkużati ghar-rilaxx tas-sit de quo, l-obbligu jibqa' dejjem fuq l-esponent li fil-mori tal-guri jippresenta lill-gurati bl-ahjar prova u bil-prova kollha u shiha. Illi tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u n-natura tal-akkużi, huwa indispensabbli ghall-prosekuzzjoni li jsir access minn min irid jiggudika fuq is-siti in kwistjoni. Illi kwindi l-esponenti ma jista' qatt jaghti l-kunsens tieghu sabiex dawn is-siti jigu rilaxxjati minn taht il-kontroll tal-Qorti f'dan l-istadju.*" (a' fol 175 PK) (Emfażi tal-Qorti).

**22.** Jidher, li l-Qorti straħet ħafna fuq l-opinjoni tal-esperti, partikularment fuq dak li rrelata l-espert maħtur mill-Imħallef Aaron Bugeja, meta dan wasal għall-konklużjoni "….*li dak li hemm fuq il-post mhu ser iservi ta' ebda added value ghal min possibilment irid jindaga ulterjorament dwar l-istat tal-hajt u rdim, x'ingenji intuzaw kif ukoll x'istruzzjonijiet inghataw u jekk dawn gewx segwiti"*. Ikompli jghid li "*Fuq l-istess binarju m'ghad hemm xejn fuq is-sit fil-present li jista' jitfa' added value dwar il-prevedibilita' jew previzjoni ta' dak li gara"* . (a' fol 39).

**23.** Din il-Qorti b'ebda mod ma trid tnaqqas mill-ħila u kapaċita' tal-Perit inkwistjoni, imma hemm konsiderazzjoni oħra importanti ħafna li għandha issir. F'ġuri, l-Imħallfin tal-fatti huma l-ġurati. Huma biss u ħadd aktar ma għandu jasal għal xi konklużjoni fattwali. L-opinjoni ta' espert ma tissostitwixxix għal kollox id-diskrezzjoni u apprezzament li jistgħu jagħmlu l-ġurati. Il-Qorti temmen, li minkejja li s-sit kien disturbat, xorta jibqa' l-fatt, li s-sit kif inhu llum huwa l-eqreb ħaġa li fadal bħala prova għas-sit kif kien

qabel id-disturb. Bis-sit mibni żgur ser ikun ikkanċellat kollox partikolarment fid-dawl li r-rikorrent ser jiġi mċahhad mill-provi li fejn kien hemm il-kroll ma hemmx daqqiet tal-musmar.

**24.** Il-Qorti tfakkar li l-fehma tal-periti ma hiex finali u ma tissiġillax kull kwistjoni tant li art 656 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li "*Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu*". Għalhekk il-mistoqsija waħedha tqum ta kif qatt jistgħu l-ġurati jaslu għal fehma differenti tal-perit jekk is-sit ikun inbena. Issa kif diġa' rilevat, f'ġuri huma l-ġurati li jiġu msejħa biex jiddeċiedu dwar fatti u ma jistgħux jiċċaħdu aprijoristikament milli jekk iridu jitolbu aċċess fuq sit fejn sar id-delitt, indipendentement mill-fehma tal-Periti tal-Qorti. Forsi jista' jingħad li din hija biss ipotesi, iżda hija waħda rejali, possibbli jekk mhux ukoll probabbli.

**25.** Dan huwa fattur marbut ħaġa waħda sfieq mal-prinċipju ta' smiegħ xieraq, għaliex għalkemm talba bħal din għandha mix-xabla ta' Demokle, xorta jista' jkun li jaqbel għall-akkużat li dan l-aċċess isir. Il-modi ta' kif l-aħjar jista' jiddefendi lilu innifsu l-akkużat huwa regolat minnu biss u ma ħemm xejn xi jżommu milli jistieden lill-ġurati jagħmlu aċċess, sakemm din it-talba ma ssirx de *marte propio* mill-istess ġurati kif għandhom kull dritt li jagħmlu.

**26.** Li dan is-sit għandu valur probatorju jirrikonoxxih anke l-intimat Avukat Ġenerali fil-proċeduri tar-rikors tar-rilaxx. Fil-fatt għal dak ir-rikors wieġeb hekk "*Illi meta jigi meqjus li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li*

*tipprezenta l-provi u evidenza materjali kollha li ghandha f'dan il-kaz u dan tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz u n-natura serjissima tal-akkuzi li jikkoncerna inter alia l-allegat omicidju involontarju ta' Maria Assunta Pace, l-esponenti tqis illi huwa fl-ahjar interess tal-gustizzja li din it-talba timmerita opposizzjoni.*"(a' fol 153 PK). Għalkemm f'dawn il-proċeduri bħal donnu qiegħed isostni mod ieħor.

**27.** Di fatti intqal li "*Mehud kont tal-fatt li, fil-kors tas-smiegh tal-kaz, ir-rikorrent allura akkuzat ma talabx li jinzamm dan l-access – skond hu tant importanti ghall-kaz tieghu – ma jistax jinghad li inkiser id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq meta din it-talba, li saret biss quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, giet michuda*". (**Ara Sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 2011, Rikors Numru. 21/2011 fl-ismijiet Joseph Mifsud -vs- Avukat Ġenerali**). Issa minn dan il-bran joħroġ ċar li huwa dritt li l-akkużat jitlob aċċess. Il-Qorti tfakkar, li dan id-dritt qatt ma ġie rinunzjat mir-rikorrent jew ġiet deċiża talba bħal din fir-rigward. Id-digriet tal-Qorti jsemmi biss ir-rilaxx. Bid-digriet tal-1 ta' Marzu 2023 ġie biss rilaxxjat is-sit, bil-konsegwenza li jekk tilħaq tiġi żvillupata din l-art mertu tal-kawża ikun ifisser li materjalment ir-rikorrent ikun qiegħed jiġi mċaħħad milli qatt jista' jitlob aċċess għalih.

**28.** Fl-aħħar nett l-abbli difensuri tar-rikorrent saħqu ħafna fuq il-prinċipju ta' *equality of arms*. Dan huwa tabilħaqq prinċipju importanti biex ikun jista' jingħad li ngħata smiegħ xieraq. Intqal li "*The requirement of "equality of arms", in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to civil as well as to criminal cases*" (**Feldbrugge v. the**

**Netherlands, 1986, § 44**). Imma bir-rispett kollu, dan il-prinċipju ma hux applikabbli għall-każ li għandha din il-Qorti. Fil-fatt intqal ukoll li "*Equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a "substantial disadvantage" vis-à-vis the other party"* (Ara **Kress v. France [GC], 2001, § 72; Regner v. the Czech Republic [GC], 2017, § 146; Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, 1993, § 33**).

**29.** Minn dak li rat din il-Qorti, bir-rilaxx tas-sit la parti u l-anqas l-oħra ma tista' tgħid li għandha vantaġġ fuq l-ieħor. Di fatti, kif rajna, l-Avukat Ġenerali f'diversi rikorsi li saru għar-rilaxx tas-sit, dan dejjem wieġeb biex dan ma jkunx rilaxxat. Anzi, li kien għalih is-sit baqa' taħt il-kustodja tal-Qorti, ħalli li issa, f'dawn il-proċeduri, bħal donnu qed isostni mod ieħor.

**30.** Il-każ klassiku ta' nuqqas ta' *parity of arms* huwa meta il-prosekuzzjoni jew il-Pulizija jkollhom fil-pusses tagħhom dokumenti jew informazzjoni li jistgħu jiskolpaw lill-akkużat u ma joħorġuhomx. Hekk per eżempju intqal li "*il-Qorti taghmilha car li jekk il-Pulizija ghandha f'idejha evidenza miksuba mill-investigazzjonijiet dwar id-delitt, konsistenti fl-informazzjoni bhal dik li indika l-imputat fir-rikors tieghu tad-9 ta' Dicembru 2020 u li hija materjali ghall-istruwizzjoni tad-difiza tieghu, hija obbligata li taghtih access ghalih tempestivament sabiex ikun f'pozizzjoni li jezercita d-difiza tieghu b'mod effettiv, bhalma hija obbligata wkoll il-Pulizija "li tiżvela lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhiex il-ħsieb li ġġibu quddiem*

*il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet il-Pulizija [Supt. Keith Arnaud] [Spettur Kurt Zahra] -vs- Yorgen Fenech tal-24 ta' Diċembru 2020**).

**31.** Fl-aħħar nett l-intimati jeċċepixxu li l-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija ma humiex il-leġittimi kontradittturi u għalhekk għandhom ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**32.** Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Issa mill-mod kif konfezjonat ir-rikors jirrisulta ċar għal din il-Qorti, li r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li d-digriet li permezz tiegħu l-Qorti rrilaxxjat is-sit mertu ta' dawn il-proċeduri huwa ser jitqiegħed fi svantaġġ. Huwa ċar, li din hija materja li b'ebda mod ma taqa' fil-mansjonijiet istituzzjonali tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija iżda tirrigwarda biss lill-Qorti li tat dan id-digriet. Għalhekk kemm l-Avukat Ġenerali u anke l-Kummissarju tal-Pulizija qua Kapijiet tad-Dipartiment rispettiv tagħhom ma humiex il-leġittimi kontradittturi, iżda l-Avukat tal-Istat hu, bis-saħħa tal-artikolu fuq imsemmi.

**33.** Dan ifisser li kemm l-Avukat Ġenerali u kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija ser ikunu illiberati mill-osservanza tal-Ġudizzju.

**34.** Fl-aħħar nett il-Qorti tifhem ukoll il-posizzjoni tal-familja Pace propjetraji tal-fond 'El Carmel', fi Triq Joseph Abela Scolaro Hamrun u tal-familja Sammut propjetarji tal-garaxx 24, Janro, Triq J. Abela Scolaro, Hamrun sottostanti għal propjeta' tal-familja Pace li sal-lum, li intortament għad għandhom il-propjeta' tagħhom kolpita mid-digriet ta' qbid pendenti il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent.

**35.** Il-Qorti tħoss, li propjetajiet tagħhom għandhom jibqgħu rilaxxati, b'dana li dawn il-familji ma għandhom jagħmlu xejn, u ser tipprojbihom għaldaqshekk taħt piena ta' disprezz, li jiddisturbaw aktar is-sit adjaċenti propjeta' tas-Soċjeta' MCZMC Ltd, f'dik il-parti jew partijiet fejn kien waqa' il-bini u li b'kawża t'hekk tilfet ħajjitha Maria Assunta Pace.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent fis-sens li minħabba dak li ingħad aktar 'l fuq ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent kif imħarsa mill-artikoli 6(1) u 39(1) tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament.

**Tordna** għalhekk il-varjazzjoni tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-1 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Ludwig Dimech et billi tillimita l-effetti tiegħu fis-sens li jibqa' in vigore fir rigward tal-fond 'El Carmel', fi Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun li jappartjeni lill-familja Pace u tal-garaxx

24, Janro, Triq J. Abela Scolaro, Hamrun sottostanti għall-propjeta' tal-familja Pace, liema garaxx jappartjeni lill-familja Sammut, b'dana li dawn iż-żewġ familji ma għandhom jagħmlu xejn, u di fatti qed tipprojbihom għaldaqshekk taħt piena ta' disprezz, li jiddisturba s-sit adjaċenti propjeta' tas-Soċjeta' MCZMC Ltd, f'dik il-parti jew partijiet fejn kien krolla l-bini u li b'kawża t'hekk tilfet ħajjitha Maria Assunta Pace, fil-waqt li tirrevokah fil-konfront tas-Soċjeta' MCZMC Developers Ltd, b'dana li għalhekk il-propjeta' ta' din is-Soċjeta' ma hiex rilaxxata".

In vista tax-xorta ta' rimedju mogħti, l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti l-oħra.

Spejjes tal-proċedura kollha a' karigu tal-Avukat tal-Istat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**